**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 ta' Novembru, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Zachary Zammit)**

**-vs-**

**Christian Cali', detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 181700L**

*Kumpilazzjoni Nru. 52/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Christian Cali'** u ċioe` talli:

Nhar l-20 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' bejn l-22:00hrs u l-23:00hrs, ġewwa ġnien pubbliku li jinsab fl-akkwati tal-Pendergardens, Triq Gort, San Giljan:

1. Talli ikkommetta serq ta' mobile liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Berat Yildizhan;
2. Talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed fil-periklu għall-ħajja, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Berat Yildizhan, skond kif ġie ċertifikat minn Dr. Chantel Zammit Med. Reg. No. 6570 ġewwa l-isptar Mater Dei;
3. Talli bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Berat Yildizhan kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta'

estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta ħwejġu;

4. Talli garr 'il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Talli volontarjament kiser l-ordni u l-paċi pubbliku;
6. Talli irrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant ġiet preżentata kopja ta' l-identità tal-imputat u l-fedina penali tiegħu, intalab li dan il-każ jiġi investigat skond il-Liġi u wkoll li l-Qorti f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, flimkien ma' kwalunkwe restituzzjoni li għanda tiġi magħmula lill-partijiet involuti għall-kwalunkwe hsarat jew inġurji soferti.

Rat li fl-udjenza miżmuma nhar t-23 t'Ottubru, 2023 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk ried setgħa jerġa lura minnha anke billi issospendiet il-proċeduri sakemm ingħata żmien jikkonsulta mal-abbli difensur tiegħu.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Fuq talba tal-imputat tal-1 ta' Novembru, 2023, il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza wara li saret talba mill-imputat sabiex jinforma lil Qorti b'dak li sejjaħ bħala ċirkostanzi mitiganti. Tali seduta saret fil-21 ta' Novembru, 2023 fejn l-abbli difensur ġab a konjizzjoni tal-Qorti konsiderazzjoni ulterjuri in kwantu għal piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti

tiddikjara li qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi.

Madanakollu minkejja li ġiet reġistrata ammissjoni fuq it-tieni imputazzjoni kif lilu addebitata, u ċioè li wettaq offiżi ta' natura gravi fuq il-vittma, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li fil-fehma tagħha dawn l-offiżi fortunatament kienu ta' natura ħafifa kif kontemplat bl-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs Zachary Vella**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x' tagħmel:[1]

> Illi fl-ahhar aggravju minnu intentat l-appellant jikkontendi illi l-griehi sofferti mill-appellant ma jaqghux taħt id-dettami tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi s-snien ma jiffurmawx parti mill-wiċċ u ma jwasslux għall-elementi tal-isfreġju skont kif rikjest mill-liġi.
>
> L-appellant jigi mixli u misjub ħati tar-reat tal-offiza gravi kif mahsub fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali:
>
> **216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tlett xhur sa tlett snin –**
>
> **(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda millidejn tal-offiż;**
>
> Illi:
>
> **Skont l-artikolu 216 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, ggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi rilevanti biss meta abbinata mal-gravita, tahti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravvissima" skont l-artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici kriminali[2]**
>
> Dan l-isfregju jikkonsisti f':
>
> **B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' laspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skont gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna**

[1] Per Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.; Appell Nru. 46/2017; Seduta tat-3 ta' Mejju 2019.

[2] **Pulizija vs Fortunato Sultana** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar il-5 ta' Frar 1998.

**snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment fir-regjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).**[3]
[Sottolinjear ta' din il-Qorti]

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-parti leża mhux sempliċiment tilef żewġ sinniet ta' quddiem iżda sofra wkoll frattura fl-għadam ta' ħalqu li filfatt ikkaġuna l-ispostament ta' waħda mis-snien li eventwalment tilef.

Irriżulta mix-xhieda tad-dentist Chistopher Satariano kif ukoll mill-espert maħtur mill-Ewwel Qorti Dr. Pasqual Demajo illi apparti li ntilfu dawn is-snien irriżultat frattura fl-għadma tal-ħalq tal-parti leża li mix-xhieda prodotta ħadet iż-żmien sabiex taqleb ghall-aħjar. Wkoll kif ġie kkonfermat minn dan l-espert, dawn il-ġrieħi kienu kompatibbli mal-offiza sofferta f'dan l-incident u ma kien hemm l-ebda inċident ieħor li fiħ seta' kien involut il-vittma qabel dan il-każ li seta' ikkontribwixxa għad-deterjorazzjoni tal-ferita in kwistjoni. In oltre l-provi riskontrati kollha jikkonfermaw wkoll li l-vittma kellu diffikulta sabiex jiekol minħabba l-kundizzjoni tiegħu apparti effetti ohra psikoloġici.

Dan fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl ta' ġurisprudenza hawn fuq iccitata iwassal għal mankament fil-wicc, liema mankament jaqa' sewwasew fil-parametri tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali u konsegwentement is-sejbien ta' ħtija a bażi ta' din id-disposizzjoni tal-ligi hija waħda legalment u raġjonevolment korretta u ser tiġi kkonfermata mill-ġdid minn din il-Qorti.

Għalhekk f'dan il-każ fejn Berat Yildizhan sofra, *inter alia*, *"broken right incisor"*[4] din ir-riżultanza ma tammontax għall-mankament fil-wiċċ. Lanqas ma ġie pruvat li isussistew iċ-ċirkostanzi kontemplati bl-artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali biex konsegwentement, din l-offiża tibqa, fortunatament għall-vittma, waħda ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-istess bħaċ-ċikkatriċi li żviluppat taħt il-*hairline* u li mhux viżibbli *within talking distance.* [5]

Issa fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon** il-Qorti kienet ikkunsidrat is-segwenti:[6]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa

---

[3] **Pulizija vs Paul Spagnol** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996.
[4] Xiehda Dr. Chantel Zammit a fol. 146 li tirreferi għaċ-ċertifikat mediku maħruġ minnha esibit bħala **Dok.. ZZ4** a fol.18
[5] Dr. Mario Scerri (a fol.51) jixhed li din iċ-ċikkatriċi tinsab taħt ix-xagħar, taħt il-hairline fejn biex tidher trid tferraq ix-xagħar. Għalhekk din hi offiża ta' natura ħafifa iżda ċertament ġaladarba din hi ċikkatriċi ma tistax tikkwalifika bħala offiża ta' *"importanza żgħira"* kif kontemplat bl-artikolu 221(3) tal-Kodiċi.
[6] Deċiża 19 ta' Novembru, 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

ikkometta r-reati addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni **jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.**[7]* "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-intenzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi **ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza**. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
[emfazi ta' din il-Qorti]

Imbagħad f'sentenza mogħtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** ngħad:[8]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ....

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

"*..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati.*"

---

[7] **Il-Pulizija vs Martin Camilleri** 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)
[8] Deċiża 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 99/2017

> Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

Illi għalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodiċi Kriminali mhux wieħed mill-artikoli reżi applikabbli speċifikament għal Qrati tal-Maġistrati bl-artikolu 525 tal-Kodiċi, m'hemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonqos serjament mid-doveri tagħha jekk issib persuna ħatja ta' fatti li ma jirriżultawx mill-provi prodotti anzi fejn l-istess provi joffru fatti konfliġġenti.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti qed issib li Calì wettaq offiżi ta' natura ħafifa u mhux ta' natura gravi kif minnu ammessi.

**PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, li ma kienitx waħda bikrija xejn, tan-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom fejn intużat vjolenza fuq persuna innoċenti gratwitament u mingħajr ebda provokazzjoni. Ġiet kunsidrata il-fedina penali kulurita tal-imputat li turi li numerużi kienu l-okkażjonijiet fejn l-imputat ingħata opportunitajiet biex jibdel ħajtu iżda kollha sfaw fix-xejn anzi, żied id-doża u beda jwettaq reati aktar serji. Ġie kunsidrat ukoll is-*Social Inquiry Report*[9]u finalment, taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ingħata piż lill-fatt li fl-ebda ħin il-Qorti ma semgħet lill-imputat juri xi forma ta' rimors għall-għemilu anzi donnu jippretendi għaliex ma kienx waħdu li wettaq vjolenza, din għandha tissarraf f'xi forma ta' mitigazzjoni tal-piena u dan meta l-artikolu 467(3) tal-Kodiċi Kriminali, reż applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ai termini tal-artikolu 525(3) tal-Kodiċi, hu ċar fl-import tiegħu:

> (3) Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi.

Jibqa' l-fatt iżda, li altru li hu magħruf, u dan mingħajr dubbju dettat mir-raġuni, l-rwol tal-imputat. Il-provi wrew li bħala awtur, bla ħniena attakka lill-vittma li kien għaddej fi triqtu għall-affari tiegħu. Il-vittma Berat Yildizhan iddeskriva kif Cali, mal-aggressuri sħabu, bdew ituh daqqiet fuq rasu,

[9] **Dok.CC** a fol.211 et seq

"*kicking*", anke wara li kienu ħadulu l-mobile meta kien mixħut mal-art.[10] X'qalb taż-żonqor jista jkollok; x'istint bestjali hu dan?

Il-Qorti fl-ikalibrar tal-piena qieset in-natura tal-ġrieħi li sofra l-vittma.

Issa l-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **217.** L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa għaxar snin jekk tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ:

Ingħad mill-uffiċċjali tal-pulizija, li wettqu tfittxija fuq il-persuna tal-imputat fl-Għassa, kif mill-qalziet tiegħu nħarġet sikkina. Però fix-xiehda tiegħu il-vittma jsemmi kif "*L-imputat hareġ is-sikina*[11] ...... *L-imputat hareġ is-sikina*[12] ....*Le ma ntalaqatx bis-sikkina*"[13].

Konsegwentement din id-dispożizzjoni ma ssibx applikazzjoni għal każ in deżamina biex in-natura tal-offiżi li sofra il-vittma jibqgħu, għall-grazzja t'Alla, dawk ta' natura ħafifa.

Il-vjolenza li taggrava s-serq, l-ewwel imputazzjoni, tiffigura kemm fil-fatt li l-imputat kien armat, kemm fil-fatt li wettaq offiżi fuq il-persuna, kif ukoll minħabba l-fatt li l-vittma safa sekwestrat kif kontemplat bl-artikolu 87(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali:

> **87.** (1) Il-piena tad-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, tkun ta' priġunerija minn tlettax (13)-il xahar sa sitt (6) snin fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin: .....
>
> (ċ) jekk il-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata, tkun ġiet offiża fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt;

Ġie kkunsidrat li bejn l-ewwel tlett imputazzjonijiet jeżisti l-konkors formali ta' reati fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-artikolu 87(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali bil-piena li tvarja bejn tlettax il-xahar u sitt snin priġunerija.

Ittieħed kont ukoll tal-fatt li l-imputat hu reċidiv ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. L-użu ta' vjolenza tidher li saret parti mill-karattru tiegħu għaliex lanqas l-inkarċerazzjoni għal reat simili ma rażżnitu.
Dawn huma fatturi li ċertament ma jimmillitaw xejn biex il-Qorti tinżel taħt il-*minimum*, kif suġġerit mil-abbli difensur tal-imputat. Anzi jekk xejn, dawn

[10] Fol.39
[11] Fol.30
[12] Fol.32
[13] Fol.34

huma ċirkostanzi li jirrendu ferm aktar gravi l-għemil tiegħu għaliex ra kif għamel biex laqat kull dispożizzjoni li tittratta l-vjolenza bħala aggravju għas-serq:- (i) kien armat; (2) ppreżenta ruħu ma tnejn oħra, (3) għamel offiżi fuq il-persuna tal-vittma u (4) saħansitra sekwestrah ukoll!

Is-soċjetà ma għandhiex post għall-persuni bħal l-imputat li rrifjuta kull għajnuna w assistenza biex issokta fil-ħajja anti-soċjali w animata minn aggressività gratwita. Irid tassew ikun irriabilita ruħu biex fil-fehma tal-Qorti jerġa jakkwista id-dritt li jgħix fost il-komunità.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josef Camilleri**[14] ġiet ċitata deċiżjoni tal-istess Qorti, diversament preseduta, **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** [30.7.2004]: -

> *"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija b' effett immedjat . Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika "*

Imbagħad intqal dan fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Francis Mamo**: [15]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[16]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena

[14] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono; Deċiża 15 ta' Novembru, 2007; Appell Kriminali Numru. 268/2007

[15] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14.02.2013; Kumpilazzjoni Nru.711/2008

[16] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28.11.2006.

karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[17]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

Finalment issir riferenza għat-tagħlim erudit tal-Qorti tal-Appell kriminali (Sede Inferjuri) fil-proċediment **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn anke ġie kwotat **Lord Justice Lawton**, dwar dak li għandu jiggwida Qorti meta tiġi biex teroga il-piena:[18]

Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,…… Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:

**"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Lanqas ma jista' ma jitteħidx kont tal-kliem erudit tal-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-ġuri **Ir-Repubbl ika ta' Malta vs Victor Pace:**[19]

Dan it-tip ta' agir li, fortunatament f'dan il-kaz, ma kellux konsegwenzi aktar tragici, ma jista' jigi qatt kondonat mill-Qrati li ripetutament irritenew li "l-vjolenza ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintuzaw armi" w li "mhuwiex inoltre tollerabbli li f'socjeta' civili persuna ggorr arma fuqha kontra l-ligi – hi x'inhi r-raguni." (Ap. Krim. Ir-Repubblika ta' Malta vs. Noel Mizzi [15-12-2005] u ohrajn). Ghalhekk l-insenjament tal-oghla Qorti fil-kamp penali huwa li f'dawn il-kazijiet m'ghandix tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza imma wahda effettiva w immedjata.

---

[17] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22.09.2009.

[18] Per S.T.O. Il-Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiża 13 ta' Novembru, 2009, Appell Nru.328/09

[19] Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono; Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006, Att t' Akkuża Nru. 27/2003

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(c), 221(1), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(c), 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal piena ta' **tmintax (18) il-xahar priġunerija** li minnhom irid jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Tul dan iż-żmien l-imputat għandu jkompli jsegwi programm ta' trattament ai termini ta' Ordni ta' Trattament maħruġ skond l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, anness ma din is-sentenza, għal żmien tlett (3) snin. Fil-kors ta' dan l-ordni l-imputat għandu jingħata kura psikoloġika u psikjatrika kif rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probation kif ukoll ikompli jindirizza il-vizzju tad-droga u *alcohol.* Ma dan għandu jingħata trattament għal *anger management*.

L-imputat qed jiġi wkoll kundannat għall-ħlas ta' multa **ta' €116.47c.**

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-ħati jħallas l-ammont ta' **€747.82** rappreżentanti spejjez peritali fi żmien sentejn millum.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Berat Yildizhan għal żmien tlett (3) snin millum.

Inoltre kif provdut fl-artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, il-Qorti qed tħassar kull liċenzja maħruġa taħt dan l-Att u tipprojbixxi lill-imputat milli jkollha xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien ħames snin millum.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

Tordna ukoll li kopja tal-istess sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, (Weapons Office).

Finalment tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*[20] u tal-oġġetti esibiti kemm il-darba dan il-każ issir *res judicata.*

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Kummissarju tal-Pulizija, Weapons Office
Reġistratur tal-Qrati Kriminali
Direttur, Probation & Parole Office

[20] Dok.**KA55/2023**